MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 14/2008

**Emanuel Cutajar**

**vs**

**Emanuel Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-14 ta’ Jannar, 2008, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lir-rikorrent is-somma ta’ erbat elef disa’ mija u tmienja u hamsin Ewro u tnax-il Ewro centezmi, (€4,958.12), rapprezentanti danni minnhu kagjunati waqt il-lant tax-xoghol fix-xahar ta’ Ottubru, 2004, fil-bini ta’ l-Awtorita` tad-Djar, il-Furjana,

b'konsegwenza ta' traskuragni, negligenza u b'nuqqas ta' hila fl-arti u fil-professjoni;
2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-25 ta' April 2006 u ta' ittra ufficcjali tad-29 ta' Settembru 2006, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficcjali kontra tieghu, u cioe` mit-3 ta' Ottubru 2006;

3. Illi l-intimat hu wkoll ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat Emanuel Zammit datata s-7 t'April, 2008, li permezz taggha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-hsarat subiti kienu rizultat ta' l-istess rikorrenti li kien *employer* tal-konvenut meta gieghlu jerfa' knaten ta' l-ghaxra u dana minkejja li l-istess konvenut kien ipprotesta li ma jiflahx ghalih;

2. Illli in oltre se mai, u fl-aghar ipotezi u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fl-eventwalita li tigi likwidata xi somma l-Qorti ghandha tordna li ssir tpacija ta' seba' mija sitta u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€796.65), ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin, (Lm342), rapprezentanti paga ghal xoghol illi huwa ghamel, kif anke ordnat b'sentenza ta' l-awtoritajiet kompetenti;

Rat ir-rikors tal-intimat datat it-18 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu talab li jkun awtorizzat jipprezenta risposta ulterjuri;

Rat id-digriet taghha wkoll datat it-18 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu laqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti tal-intimat;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat datata wkoll it-18 ta' Frar, 2009, li permezz taghha eccepixxa ulterjarment li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda danni attwali u fattwali, u li se mai dak li qed jippretendi huma biss danni ipotetici;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw origini ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent huwa kuntrattur zghir tal-bini li mieghu kien jimpjega lil-intimat bhala lavrant, u li fix-xoghol tal-bini hu precizament misjub bhala "ta wara l-bennej", (ara fol 12);

2. Illi f'Ottubru tas-sena 2000 ir-rikorrent jirrizulta li kien impenjat fi tlett progetti tal-kostruzzjoni – il-Furjana, Hal Qormi u H'Attard;

3. Illi l-fatti koncernanti l-procedura odjerna sehhew il-Furjana fejn ir-rikorrent kien impenjat fuq progett ta' l-Awtorita` tad-Djar fejn ix-xogholijiet involuti kienu jikkonsistu fi trasformazzjoni ta' blokk t'appartamenti f'ufficini u fejn kien ha jizdied sular iehor fuq l-erba' gia` ezistenti;

4. Illi meta sehh l-incident in dizamina l-intimat Zammit kien gie ordnat jahdem fl-imsemmi blokk t'appartamenti fil-Furjana fejn ix-xoghol kien verament wasal fl-ahhar fazijiet tieghu;

5. Illi jidher li meta l-intimat Zammit kien tiela bl-ahhar kantun fuq is-sellum biex ipoggieh fuq il-hajt, ghelbu l-kantun u dan waqa' ghan-naha l-ohra tal-hajt bil-konsegwenza li meta dan il-kantun waqa' n-naha l-ohra

tal-hajt kisser xi turgien bil-konsegwenza li r-rikorrent kellu jerga' jirripristina kollox ghall-istat li kien fih qabel l-incident u dan, bi spejjez ghalieh;

6. Illi jidher li r-rikorrent staqsa lill-intimat jekk kienx lest li johrog parti mid-danni kkagunati u r-rikorrent isostni li ntlahaq ftehim bejniethom li l-ispejjez jinqasmu bejniethom, (ara fol 13);

7. Illi peress li jirrizulta li r-rikorrent kien sub-appaltatur, dan il-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti kienet infurmata bih is-socjeta` appaltetrici, (ara fol 13);

8. Illi nonostante dan il-ftehim allegat jidher li ma giex konkretizzat u konsegwentement ir-rikorrent kien kostrett li jintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skont l-intimat jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi meta l-intimat kien gie assunt bhala lavrant mir-rikorrent biex ikun jista' jahdem mieghu, l-intimat jallega li kienu ftehmu li l-intimat jahdem esklussivament fix-"*shutters*" u fil-"*bricks*", (ara fol 55); dettall li hu negat mir-rikorrent, (ara fol 53);

2. Illi meta r-rikorrent kien ordna lill-intimat imur jahdem fl-appartament in dizamina fil-Furjana, jidher li l-intimat kien rega' fakkar lir-rikorrent li ma kienx tajjeb biex jahdem fil-gebel, (ara fol 55), u nonostante dan xorta ordnalu jmur hemm u li jahdem fil-gebel ghaliex "…gebel ftit hemm x'jintrefa' ", (ara fol 55);

3. Illi x-xoghol li l-intimat kellu jaghmel kien li nonostante l-akklamata inkapacita` tieghu li jerfa' l-gebel hu kellu jtella l-knaten bis-sellum sa l-oghla sular, (il-hames), u sfortunatament kienet l-ahhar gebla li waqghet u per konsegwenza sehh l-incident;

4. Illi r-raguni li ghalieha l-intimat jirrizulta li mhux tajjeb biex jaghmel dan it-tip partikolari ta’ xoghol hu li hu miftuq – kondizzjoni xejn adattata ghal dan it-tip ta’ xoghol – u li in oltre l-istess rikorrent kien ben informat bl-istess, (ara fol 55);

5. Illi l-istess intimat jidher li ammetta li jaghmel tajjeb ghal parti mill-hsarat ikkagunati f’dan l-incident billi jghamel tajjeb ghal l-uzu tal-iskips f’zewg Sibtijiet, kif jafferma li ghamel, (ara fol 56);

6. Illi in vista tal-premess l-intimat qieghed jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta assodat is-segwenti:

1. Illi l-intimat kien impjegat mar-rikorrent;

2. Illi x-xoghol tar-rikorrent kien jikkonsisti f’xogholijiet ta’ kostruzzjoni;

3. Illi meta r-rikorrent ghazel li jimpjega lill-intimat mieghu hu kien gie debitament informat bil-kondizzjoni fizika tal-intimat li ma kienitx tippermettilu jkun nvolut f’certu tip ta’ xoghol li jinvolvi stress notevoli fuq sahhet l-intimat;

4. Illi meta r-rikorrent ghazel lill-intimat biex minn fost il-haddiema tieghu ikun biss l-intimat li jmur ikompli x-xoghol fl-appartament in dizamina meta mhux biss kien jaf bit-tip ta’ xogholijiet riedu jsiru izda kien ukoll jaf bis-sitwazzjoni fizika tal-intimat u li kien rega’ gie mfakkar bl-istess mill-intimat qabel ma mar jespleta l-inkarigu lilhu moghti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta assodat li la r-rikorrent kien konxju mill-fatt li l-intimat ma kienx il-persuna idonea ghax-xogholijiet involuti, allura r-rikorrenti ghandu jerfa' r-responsabbilita` kollha tal-akkadut u mhux jipprova, kif irnexxielu jaghmel, jikkolla l-istess fuq l-intimat;

Illi ftehim bhal dak riskontrat li permezz tieghu l-intimat kien imgieghel jaghmel tajjeb ghal xi haga li ghaliha ma kienx responsabbli hu abbuz imprenditorjali li din il-qorti mhix lesta li tavalla;

Illi gieladarba r-rikorrent kien ben informat bil-kondizzjoni mediko-fizika tal-intimat liema kondizzjoni kienet tiskwalifikah milli jkun meqjus idoneu ghal dan ix-xoghol specifiku, allura l-akkadut hu konducibbli ghar-rikorrent bhala l-persuna li effettivament ta' bidu ghall-istess billi ordna persuna skwalifikata biex taghmel xoghol li ictu oculi ma setghetx tesegwixxi jekk m'hux b'riskju sbalordiv;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li ghar-ragunijiet esposti takkolji l-ewwel risposta tal-intimat, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

**Illi inoltre, in vista tal-premess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni risposta tal-intimat stante li l-ipotezi hemm postulata m'avveratx ruha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------